# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-16 ta' Novembru, 2016.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Numru 31/2016 SM**

**Adam Mohammed**
**(I.D. 39262 A)**

**vs.**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat iz-17 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi fis-26 t'Awwissu, 2010, tressaq quddiem il-qorti kompetenti biex iwiegeb ghall-akkuzi diretti kontra tieghu

ghall-pussess aggravat ta' medici perikoluzi bi ksur tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara foll 12);

1.2. Illi r-rikorrenti kien intercettat mill-pulizija meta persuna ohra gia` insegwita mill-pulizija, rikeb fil-karozza misjuqa mir-rikorrenti;

1.3. Illi meta interrogat ir-rikorrenti dejjem innega li d-droga misjuba mill-pulizija kienet tieghu;

1.4. Illi fil-25 t'Awwissu, 2010, inhareg ordni *ai termini* tal-artiklu 22(2) tal-Kap 101 fuq riferit, (ara foll 14);

1.5. Illi l-artiklu 22(2) u 31 tal-Kap 101 in dizamina ma kienu jaghtu l-ebda kriterju li fuqu persuna ghandha titressaq quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati biex jigi hemm deciz, il-kaz tieghu, u dan, *nonostante* li l-konsegwenzi huma ferm differenti minn xulxin;

1.6. Illi l-artikli indikati fil-paragrafu precedenti huma neqsin mic-certezza legali u tpoggi lill-akkuzat fi zvantagg quddien il-ligi;

1.7. Illi permezz ta' rikors quddiem il-Qorti Kriminali datat iz-17 ta' Lulju, 2013, fl-Att t'Akkuza Numru 20/2012 ir-rikorrenti kien talab li ssir riferenza kostituzzjonali, (ara foll 3);

1.8. Illi r-referenza in dizamina kienet deciza minn din il-qorti diversament preseduta permezz tas-sentenza datata z-19 ta' Mejju, 2015, (ara foll 15 *et sequitur*), u ghar-ragunijiet hemm espressi, l-istess qorti ma sabet l-ebda ksur tal-artiklu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (ara foll 36);

1.9. Illi permezz ta' rikors iehor datat id-29 t'April, 2015, l-istess rikorrenti intavola talba ulterjuri fl-istess Att t'Akkuza fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt sebgha, (1.7.), aktar qabel), biex il-kaz tieghu jinstema' mill-Qorti tal-Magistrati u mhux mill-Qorti Kriminali;

1.10. Illi bid-digriet taghha datat it-3 ta' Gunju, 2015, il-Qorti Kriminali, ghar-ragunijiet hemm indikati, irrespingiet it-talba tar-rikorrenti, (ara foll 37);

1.11. Illi l-proceduri fuq riferiti kienu intizi biex jezawrixxu r-rimedji ordinarji disponibbli lir-rikorrenti fir-rigward qabel ma jezercita azzjoni kostituzzjonali ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu;

1.12. Illi jilmenta mill-fatt li inkissru d-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti mill-artikli 6, 7, u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea in dizamina u mill-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

1.13. Illi jirritjeni li d-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali tikser l-artikli indikati fil-paragrafu precedenti;

1.14. Illi l-istess ksur tal-ligijiet *de quo* jibqa' vigenti anke wara l-emendi l-godda intavolati taht l-Att XXIV tal-2014 u l-linji gwida hemm kontenuti *stante* li jibqa' l-element tal-imprevedibilita`;

1.15. Illi d-diskrezzjoni in dizamina tikkonsisti f'ezercizzju kwazi-gudizzjarju li fil-funzjoni tieghu ta' prosekutur mhix decizjoni naxxenti minn tribunal indipendenti u imparzjali;

1.16. Illi l-istess terminologija uzata fil-linji gwida hi oggezzjonabbli *stante* li timplika li l-akkuza indirizzata fil-konfront tal-akkuzat hi stat ta' fatt, tenut kont ukoll tal-fatt li hu l-istess Avukat Generali li johrog l-akkuza in dizamina;

1.17. Illi *di piu`*, persuni ohrajn b'akkuzi identici tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u b'hekk inkiser l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-konfront tieghu;

1.18. Illi m'inghatax assistenza legali;

1.19. Illi in vista tal-premess adixxa din il-qorti biex din:

1.19.1. Tiddikjara li ghar-ragunijiet fuq sintetikament esposti gie mcahhad mid-drittijiet tieghu *ai termini*

tal-artikli 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

1.19.2. Tordna li jithassar kull procediment kriminali li ghalhekk ittiehed kontra r-rikorrenti;

1.19.3. Illi fin-nuqqas, takkolji t-tieni talba u tordna rimedju xieraq ghall-pregudizzju soffert mir-rikorrenti u tordna lil l-Avukat Generali biex jaghti dawk id-direttivi kollha mehtiega biex il-kaz tar-rikorrenti ma jibqax quddiem il-Qorti Kriminali u jintbghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati appozita;

1.19.4. Taghti kull direttiva ohra mehtiega biex il-pregudizzju soffert mir-rikorrenti jigi rimedjat;

1.19.5. Bl-ispejjez;

2.0. Rat ir-risposta datata d-29 ta' Marzu, 2013, li permezz taghha l-intimat sintetikament espona s-segwenti:

2.1. Illi l-ilmenti li r-rikorrenti jissottometti gia` gew decizi minn din il-qorti diversament preseduta, (ara sentenza fir-rigward a foll 15, datata z-19 ta' Mejju, 2015);

2.2. Illi kemm- il darba ma kienx jaqbel mal-istess sentenza kien messu intavola appell fir-rigward u mhux jirrepeti l-istess procedura;

2.3. Illi in vista ta' dak premess fil-paragrafu precedenti l-qorti ghandha tapplika l-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artiklu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u ma tapplikax is-setghat taghha fir-rigward;

3. Illi a skans ta' dilungar inutili taghmel referenza ghall-verbal datat it-30 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu, l-abbli rapprezentant legali tal-intimat, filwaqt li gibed l-attenzjoni tal-qorti ghall-verbal precedenti tieghu datat iz-19 ta' Mejju, 2016, (ara foll 78), fejn kien iddikjara li ma kellu xejn aktar x'izid fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-intimat, (ara foll 47), talab li l-kawza tithalla ghas-sentenza fuq dawn l-eccezzjonijiet preliminari (ara foll 80);

4. Rat id-digriet taghha datat it-30 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu, wara li kien gie verbalizzat li la r-rikorrenti u lanqas r-rapprezentant tieghu ma dehru, u dan, minghajr gustifikazzjoni skont il-ligi, ikkunsidrat li r-rikorrenti allura ma kellux aktar provi x'jipproduci, (ara foll 80);

5. Rat id-digriet taghha datat iz-19 t'April, 2016, li permezz tieghu, wara talba oppozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jipprezentaw l-att hemm indikat fl-atti tal-procedura odjerna, (ara foll 74);

6. Rat ukoll li l-abbli rapprezentant legali tal-intimat iddikjara li ma kellu xejn aktar x'izid fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari minnu intavolati, (ara foll 78);

7. Semghet lix-xhud prodott, (ara foll 79);

8. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluz ir-Rikors Numru 54/2013, effettivament referenza kostituzzjonali u sentenza fir-rigward datata z-19 ta' Mejju, 2013;

Ikkunsidrat:

9. Illi l-procedura odjerna hi procedura ta' natura kostituzzjonali kif fuq sintetikament delineata, liema talba gia` kienet saret referenza kostituzzjonali mill-Qorti Kriminali fuq talba tal-istess rikorrenti odjern fl-Att t'Akkuza Numru 20/2012 inkluz fir-Rikors Numru 54/2013 riferit fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

10.1. Illi fis-26 t'Awwissu, 2010, r-rikorrenti tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja akkuzat b'pussess aggravat ta' medicini perikoluzi bi ksur tal-Kap 101 fuq gia` riferit, (ara foll 12);

10.2. Illi l-intimat ordna li l-istess rikorrenti jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 14);

Ikkunsidrat:

11. Illi f'din il-procedura r-rikorrenti jilmenta mill-fatt li fid-decizjoni tal-intimat li jindirizza tali procedura quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati, ma jezisti l-ebda kriterju ghalfejn ghandha tinghazel qorti minn ohra;

12. Illi l-effetti ta' tali ghazla huma konsiderevoli *stante* il-pieni involuti jvarjaw konsiderevolment minn qorti ghall-ohra;

13.0. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jsostni li tali diskrezzjoni:

13.1. Tmur kontra l-principju tac-Certezza tad-Dritt;

13.2. Tpoggi lill-akkuzat fi zvantagg inaccettabbli;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi din il-kwistjoni partikolari hekk sollevata mir-rikorrenti tirrizulta li kienet gia` giet epurata mill-qrati lokali, senjatament:

14.1. Permezz ta' sentenza mill-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) datata z-19 ta' Mejju, 2015, (ara foll 15 *et sequitur*); u

14.2. Permezz ta' digriet specifiku tal-Qorti Kriminali datat it-3 ta' Gunju, 2015, (ara foll 37);

15. Illi d-decizjonijiet indikati fil-paragrafu precedenti ma sabu l-ebda ksur tal-artikli appozitament indirizzati fil-konfront tal-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

16. Illi tenut kont tas-suespost, tirrileva f'dan l-istadju li in vista tal-verbal datat it-30 ta' Gunju, 2016, (ara foll 80), din il-procedura hi esklussivament limitata ghall-epurazzjoni tal-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet ta' natura preliminari hemm sollevati, (ara foll 47 u paragrafu numru tnejn, (2.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

17. Illi l-intimat sintetikament jopponi ghat-talbiet tar-rikorrenti *stante* li l-ilmenti minnu mqajma a bazi tal-artikli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta gia` gew decizi minn din l-istess qorti diversament preseduta permezz tas-sentenza fuq riferita datata z-19 ta' Mejju, 2015, liema sentenza wkoll ghaddiet in gudikat, (ara foll 15);

Ikkunsidrat:

18. Illi l-elementi li jikkostitwixxu gudikat gew abilment elenkati mill-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Charles Cortis vs. Francis X. Aquilina et***, datata il-***25 ta' Settembru, 2003,*** fejn irriteniet is-segwenti:

> "... huma l-istess oggett, (**eadem res**), l-istess partijiet, (**eadem personae**), u l-istess mertu, (**eadem causa petendi**) ... l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha l-interess pubbliku u hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti f'sentenza, li tbieghed il-possibilita` ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxin u li hemm il-possibilita` ta' kwistjonijiet li jibqghu miftuha bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun inghatat";

19. Illi ghalhekk *una volta* li l-ilment sollevat ikun gia` gie definittivament deciz permezz ta' sentenza li ghaliha jkun ghadda t-terminu tal-appell, u tar-ritrattazzjoni preskritti mill-ligi, tali sentenza tghaddi in gudikat u allura ssir wahda irrevokabbli;

20. Illi in vista tal-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat fuq riferiti ghandu ghalhekk issa jigi analizzat jekk fid-dawl tar-rikors u tar-risposta in dizamina jissussistux ir-rekwiziti riferiti fis-sentenza citata fil-paragrafu immedjatament qabel dak precedenti biex jigi stabbilit jekk fic-cirkostanzi li jirrizultaw, ir-rikorrenti ghandux jithalla jressaq l-ilment odjern;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi minn analisi tas-sentenza datata z-19 ta' Mejju, 2015, fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt tmienja, (1.8.), aktar qabel), jirrizulta assodat li l-lanjanza hemm riskontrata hi l-istess bhal dik in dizamina fil-procedura odjerna *stante* li fiz-zewg proceduri jirrizulta li d-diskrezzjoni partikolari li l-intimat kellu biex jiddetermina f'liema mill-qrati fuq riferiti ghandu jibghat lill-akkuzat hix leziva tal-artikli tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Kostituzzjoni ta' Malta indirizzati mir-rikorrenti peress li rizultat ta' din l-ghazla:

21.1. Jista' ma jkunx hemm smigh xieraq; jew

21.2. Jilledi l-prevedibilita` rikjesta mill-ligi kriminali biex tissalvagwardja lil min ikun involut kontra l-arbitrarjeta`;

Ikkunsidrat:

22. Illi in vista tal-premess, hu issa ghaqli li jigu analizzati t-tliet (3) rekwiziti in dizamina:

A. **"Eadem Res"**

23. Illi dan ir-rekwizit jirrizulta spjegat b'mod car u dettaljat mill-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fis-sentenza fl-ismijiet ***Rabat Construction Limited vs. Cutajar Construction Company Limited***, datata d-***9 ta' Jannar, 2002***, li qalet is-segwenti:

> "*Eadem Res* – dan jinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghal talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-bazi ghal dan ir-rekwizit hija cara: sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta

quddiem il-qorti, jekk din hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kienipprova b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza precedentement. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita` mhix ostaklu ghal talba gdida ghaliex l-affetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak il jkunu iddecidew il-qrati. Mill-interpretazzjoni li jaghtu d-diversi awturi ta' kif ghandha tigi determinata l-identita` tal-oggett jidher illi l-ahjar mod hu li tezamina jekk il-kwistjoni mqajjma fit-talbiet attrici gietx jew le deciza minn sentenza li tkun ghaddiet in gudikat. Illi ghalhekk, wiehed irid jara jekk il-punt imqajjem fl-istess talbiet gewx determinati mis-sentenza l-ohra jew jekk baqax irrisolt. Illi jekk il-kwistjoni tkun giet diskussa u deciza, allura jkun hemm l-identita` tal-oggett. Dwar l-identita` tal-haga mitluba hu pacifikament ammess li mhux necessarju li l-identita` tkun assoluta u materjali, izda bizzejjed l-identita` guridika";

24.0. Illi minn ezami tal-mertu involut fil-kawza odjerna u dak involut fil-kawza deciza bis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Khaled Mohammed Said Nassar u Adam Mohammed, (Rikors Kostituzzjonali Numru 54/2013)***, (ara foll 15 u process anness mal-atti tal-procedura odjerna), jirrizulta sintetikament s-segwenti:

24.1. Illi hemm l-identita` tal-oggett;

24.2. Illi l-lanjanza hawn indirizzata mit-talbiet tar-rikorrenti kienet gia` giet ezawrjentement deciza mill-istess sentenza fuq indikata;

24.3. Illi jirrizulta wkoll pacifiku li l-istess sentenza fuq indikata in dizamina effettivament ghaddiet in gudikat;

25. Illi *di piu`*, fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***John Camilleri vs. Avukat Generali***, datata s-***7 ta' Frar, 2012***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** sostniet is-segwenti:

"Illi allura jirrizulta bl-aktar mod car li l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija sentenza li tikkostitwixxi gudikat timpedixxi

talba gdida milli tigi proposta quddiem il-qorti, jekk din it-talba hi ntiza sabiex tottjeni l-istess haga bhal dik li kien ipprova jitlob b'talba precedenti u illi giet determinata minn sentenza precedentement";

26. Illi sahansitra jigi osservat ukoll li l-artikli 6 u 7 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huma l-istess artikli citati kemm mir-rikorrenti odjern fil-procedura odjerna u f'dik determinata bis-sentenza datata z-19 ta' Mejju, 2015, fuq riferita;

27. Illi in vista tal-premess l-ewwel rekwizit tal-***eadem res*** jirrizulta li hu sodisfatt;

Ikkunsidrat:

B. **"Eadem Personae"**

28. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili***, fl-ismijiet ***Charles Cortis vs. Francis X. Aquilina et***, datata l-***25 ta' Settembru, 2003***, li tghid:

> "L-element tal-identita` tal-persuni huwa wkoll fondamentali u ta' siewi daqs iz-zewg elementi l-ohrajn. In-nuqqas tieghu huwa bizzejjed biex jeskludi l-gudikat ghaliex min ma kienx prezenti fil-gudizzju, u lanqas kien fih rapprezentat legittimament, ma jistax jitqies marbut b'sentenza moghtija u li ghaddiet in gudikat, ukoll jekk l-ezitu ta' dik is-sentenza ikun jiffavorih";

29. Illi in vista tas-suespost ezami tas-sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta, (Sede kostituzzjonali), datata z-19 ta' Mejju, 2015, (ara foll 15), tirrivela li r-rikorrenti odjern Adam Mohammed, kien ukoll l-istess persuna involuta bhala parti f'dik l-istess kawza bhala intimat, (ara foll 15);

30. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-istess Adam Mohammed hu effettivament marbut bl-effetti kollha naxxenti mill-istess sentenza in dizamina;

31. Illi in vista tal-premess, anke dan it-tieni rekwizit tal-**"eadem personae"** jirrizulta li hu sodisfatt;

Ikkunsidrat:

C. **"*Eadem Causa Petendi"*:**

32. Illi ghall-finijiet ta' dan ir-rekwizit issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell Inferjuri*** fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. vs. Adrian Caruana***, datata d-***29 ta' Lulju, 2015***, li tirreferi ghan-notamenti tal-mibki Professur Caruana Galizia, li fin-*"Notes on Civil Law"* jispjega dan ir-rekwizit tal-*causa petendi* bhala:

> "...the title on which the demand is based";

33. Illi l-istess sentenza citata fil-paragrafu precedenti tkompli hekk:

> "Illi ghalhekk, dan huwa t-titlu, cioe`, il-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu ibbazat. Dan l-element jirrikjedi li 'the cause of the claim' kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-*causa petendi* hi *'the title on which the demand is based'*
>
> "Illi ghalhekk sabiex il-kundizzjoni tal-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba il-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-gudikat ma jigix nieqes minhabba d-diversita` ta' motivi tal-'*causa petendi';*

34. Illi minn ezami tat-talbiet kontenuti fil-procedura kostituzzjonali odjerna kif paragunat mar-referenza pre-citata datata z-19 ta' Mejju, 2015, (ara foll 15), u mad-decizjoni wara rikors appozitu tal-istess rikorrenti odjern fil-kawza pre-citata deciza bid-digriet datat it-3 ta' Gunju, 2015, (ara foll 37), jirrizulta pacifiku l-istess talbiet indirizzati mir-rikorrenti f'din il-procedura gia` gew hemm decizi b'mod ezawrjenti ghalhekk, darbtejn;

35. Illi in vista tal-premess dan it-tielet rekwizit tal-"*eadem causa petendi"* jirrizulta li gie wkoll sodisfatt;

Ikkunsidrat:

36. Illi fid-dawl tas-suespost jigi osservat li l-kawzali kontenuti fil-procedura odjerna intavolata mir-rikorrenti jirriflettu l-lanjanza tieghu li ghar-ragunijiet minnu elenkati u hawn riprodotti gew vjolati l-artikli 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

37. Illi f'dan ir-rigward, in vista tas-suespost, ghandu jirrizulta pacifiku li l-istess lanjanzi indirizzati fil-procedura odjerna gia` gew epurati fiz-zewg (2) proceduri fuq riferiti, (ara foll 15 u foll 37), fejn iz-zewg qrati hemm involuti iddecidew bi kjarezza li ghar-ragunijiet hemm esposti ma irrizulta l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

38. Illi l-procedura odjerna intavolata mir-rikorrenti tirrileva li r-rikorrenti baqa' mhux sodisfatt mill-imsemmija sentenza, (ara foll 15), u digriet, (ara foll 37), u baqa' jippersisti fuq l-istess lanjanza permezz tal-procedura odjerna;

39. Illi rizultat tal-istess kull m'hu qed jaghmel ir-rikorrenti hu li jimxi minn triq gia` minnu perkorsa li ma tistax hlief li twasslu ghall-istess ezitu li wassluh iz-zewg toroq minnu gia` perkorsi – *stante* li l-istess lanjanzi gia` gew ezawrjentement decizi b'mod definittiv;

40. Illi ghalhekk mhux legittimu li din il-qorti terga issa tezamina mill-gdid dak li gia` kien precedentement gie ezaminat, deciz u konkluz b'mod definittiv u irrevokabbli;

Ikkunsidrat:

41. Illi f'din il-procedura r-rikorrenti jilmenta wkoll minn ksur tal-artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea mentri din il-lanjanza partikolari ma tiffigurax fil-procedura kostituzzjonali deciza bis-sentenza datata z-19 ta' Mejju, 2015, (ara foll 15);

42. Illi *nonostante* dan, hi l-fehma konsiderata ta' din il-qorti li r-rekwiziti fuq elenkati tal-*eadem res*, u l-*eadem causa petendi* xorta jissussistu;

43. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Angela sive Gina Balzan vs. L-Onorevoli Prim Ministru et***, datata l-***11 t'Ottubru, 2011***, li tghid is-segwenti:

> "... taht l-artiklu 14 tal-Konvenzjoni tfisser trattament differenti fit-tgawdija tad-drittijiet imharsa taht l-istess Konvenzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor";

44. Illi ghalhekk f'dan ir-rigward ir-rikorrenti qieghed jallega li b'din id-decizjoni tal-intimat li jaghzel qorti li timporta pieni aktar oneruzi fuqu, allura qed issir diskriminazzjoni kontra tieghu;

45. Illi pero` ghandu jinghad li gialadarba ma nstab l-ebda ksur tal-artikli 6 u 7 tal-konvenzjoni Ewropea fil-konfront tieghu, allura ma jista' qatt ikun hemm diskriminazzjoni fit-termini tal-artiklu 14 tal-istess Konvenzjoni;

46. Illi ghandu fil-fatt jinghad li addirittura l-artiklu 14 in dizamina ma japplikax *stante* li biex isir applikabbli dan l-artiklu jirrikjedi li jkun abbinat ma' ksur ta' jedd sostantiv inkluz fl-istess Konvenzjoni – haga li ma tirrizultax;

47. Illi dan qieghed jinghad *stante* li s-sentenza datata z-19 ta' Mejju, 2015, (ara foll 15), li ghaddiet in gudikat effettivament stabbiliet li ma jirrizulta li kien hemm l-ebda ksur ta' jedd sostantiv imhares mill-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti;

48. Illi ghalhekk, *stante* li talba ghal sejbien ta' ksur tal-artiklu 14 tal-Konvenzjoni ma tistax tissussisti wehidha, allura l-lanjanza hawn hekk sollevata mir-rikorrenti ma tistax issib l-avall ta' din il-qorti;

Ikkunsidrat:

49.0. Illi in vista tas-suespost, din il-qorti tqis in vista tal-fatt li r-rekwiziti rigwardanti l-ezistenza tar-*res gudikata* tad-decizjoni ta' din il-qorti diversament preseduta, fil-kompetenza taghha kostituzzjonali, datata z-19 ta' Mejju, 2015, (ara foll 15), huma

abbundantement sodisfatti u għalhekk tiddikjara li l-istess sentenza hi waħda definittiva u konformi mal-prinċipju *"res judicata pro veritate habetur"*

**DECIDE:**

49.1. Takkolji l-ewwel eccezzjoni ta' *res judicata* sollevata mill-intimat;

49.2. Tirrespingi t-talbiet preliminari kollha tar-rikorrenti;

49.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**